**KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ**

**AĠENDA NUMRU 53 – 9 t' Ottubru 2018**

***Minuti tat-53 laqgħa tal-Kunsill tat-Tmien Legislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Città Rohan, li saret nhar fis-9 t' Ottubru, 2018 fis-6:30pm.***

Il-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug iltaqa' fl-ufficcju amministrattiv tiegħu fi Triq Frans Sammut fis-6:30pm ta' filgħaxija sabiex issir Agenda Numru 53. Il-laqgha bdiet fil-6:35pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Prezenti:** | **Sarah Agius** | Sindku |
| | **Christopher Bongailas** | Kunsillier |
| | **Philip Said** | Kunsillier |
| | **Vernalise Scicluna** | Kunsillier |
| | **Roderick Aquilina** | Kunsillier |
| | **Kevin Glynn** | Kunsillier |
| | **Clive Azzopardi** | Kunsillier |
| **Assenti b'Apologija:** | **Alfred Grixti** | Vici-Sindku |
| | **George Cortis** | Kunsillier |
| **Assenti :** | **Ħadd** | |
| **Pubbliku:** | **Mr. Robert S. Tabone** | Works' Co-ordinator |
| **Uffiċċjal prezenti:** | **Paula M. Valletta** | Segretarju Ezekuttiv |

**53.1 Qari tal-Ittri tal-Apologiji**

Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li l-Vici-Sindku Alfred Grixti u l-Kunsillier George Cortis kienu nfurmawha li ma setghux jattendu.

**53.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Is-Sindku Sarah Agius pproponiet li l-minuti ta' laqgha nru 52 jigu approvati.Hija giet sekondata mill-Kunsillier Philip Said. Kien hemm qbil mill-kumplament tal-Kunsilliera li l-minuti jigu approvati.

**53.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

53.3.1 Is-Sindku Sarah Agius infurmat lill-Kunsill li Lokali li s-Segretarju kellha komunikazzjoni mar-Ritemix, dwar l-ammont tal-Eur5,250 li kellu jitnaqqas mill-ammont pendenti, fejn jidher li kien hemm qbil.

**53.4 Jum Haz-Zebbug**

Il-Kunsillier Philip Said fakkar lill-Kunsill dwar in-nominazzjoni li ghamel hu ghal Gieh Haz-Zebbug dwar il-Monsinjur Lawrence Cachia. Kien hemm qbil unanimu sabiex jinghata l-Gieh lilll-Monsinjur Lawrence Cachia.

Il-Kunsill qabel unanimament mal-proposti tal-Kunsillier Roderick Aquilina u l-Kunsillier Vernalise Scicluna li jinghata apprezzament lill-atleti Ian Grech u lil Steve Camillieri tas-sehem li taw f'dan l-isports.

**53.5 Malta Textile Recycling**

Il-Kunsill qabel unanimament li jinghata permess lil Malta Textile Recycling sabiex isiru tliet kaxxi  tal-hwejjeg; fil-Bring-In-Site ta' Triq Frans Sammut, Triq Guliermu Lorenzi u Triq Sant Antnin

**53.6 Milied 2018**

Il-Kunsill ikkonferma li ser tigi Tikka Banda ghall-Milied 2018. Il-Kunsill qabel unanimament li ser jalloka Eur3,000 ghall-attivita li ser tittella' fl-1 ta' Dicembru 2018.

**53.7 Gnien l-Infetti**

Is-Sindku Sarah Agius infurmat lill-Kunsill li x-xoghol fi Gnien l-Infetti issa miexi gmielu. Il-Kunsill qabel li ghandu jinbidel l-isem ta' dan il-gnien. Fuq suggeriment tal-Kunsill Philip Said, dan il-gnien ghandu jissemma' Gnien it-Tfulija. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment.

**53.8 Latrina**

Is-Segretarju prezentat il-pjanta kif preparata mill-Perit tal-Kunsill ghall-binja li bhalissa qed tospita l-librerija. Qed jigi propost li mill-istess binja issir ukoll latrina li tkun accessibli minn kulhadd. Il-bieb tal-librerija jibqa fejn hu u fis-sular t'isfel ikun hemm tarag u l-lift. Il-Kunsill qabel li din il-binja ghandu jkollha tlett sulari, sal-livell tal-iskola. U ghalhekk ghandhom jintalbu pjanti emendati sabiex il-binja ikun fiha tlett sulari.

**53.9 Zona tal-Hlas**

Is-Sindku Sarah Agius infurmat li parti mit-Triq tal-Hlas tqaxxret mill-kuntrattur li qaxxar il-parti li taghmel ma' Hal Qormi bi zball. Il-Kunsill qabel mal-linja li ttiehdet li ghandu jkun il-Kunsill ta' Hal Qormi li jirrimedja. L-Agenzija Arpa giet infurmata b'dan kollu.

**53.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Wara li saret diskussjoni s-Sindku resqet l-iskeda tal-pagamenti ghall-approvazzjoni. Hija giet sekondata mill-Kunsillier Kevin Glynn. Il-Kunsillier Chris Bongailas astjena mill-vot lil Mario Cachia. Il-kumplament tal-vot gie approvat unanimament.

**53.11 Twegibiet Ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Ma kien hemm l-ebda mistoqsija mill-Kunsilliera.

**53.12 Tmiem tal-Laqgha u Data tas-Seduta li jmiss**

Il-laqgha giet aggornata ghas-7 ta' Novembru 2018 fis- 6:00pm. Din il-laqgha spiccat fit-7:55pm.

**Sarah Agius** — **Paula M. Valletta**

**Sindku** — **Segretarju Ezekuttiv**